**Ferħ ta' dejjem**

Ħajtek kienet l-isbaħ talba
Innu mill-isbaħ ta' tifħir,
Bik il-Mulej Alla l-Għoli
Ġie mfaħħar għal dejjem bil-kbir.

Għall-familja kont ix-xempju
Tal-imħabba u l-umiltà,
Kulfejn kont nissilt tibissima
Tassew fwieħa tal-karità.

Imberkin tassew jissejħu
Dawk kollha kienu jżuruk,
Fihom xettilt iż-żerriegħa
Tal-ħniena, għalhekk iħobbuk.

Sabiħa wisq il-ħelwa qalbek
Tagħmel il-ġid kulfejn tgħaddi,
Mhux ta' b'xejn li tifkirietek
Tibqa' f'qalbna maż-żmien jgħaddi.

Ferħ, ferħ, ferħ ... jibqa' hekk jidwi
Fl-isbaħ spazzju li fih m'hemmx żmien
Imħabbtek li ħallejtilna
Bħalha żgur żgur li m'hawn imkien.

Nistħajlek mis-sema w qiegħdha
Tittawlilna, tindukrana,
Nista' naħseb kemm qed titlob
Ħalli lkoll fis-sliem tarana.

Hemm hi s-sbuħija tal-mara
Li qalbha, ruħha mimlija,
B'dik il-ħlewwa, tenerezza
Bil-maħfra u b'tant bżulija.

Xi ġmiel il-mara mogħtija
Għall-imħabba ta' familtha,
Kemm grazzji biha jissawbu
Inbid bnin li le jiżvinta.

Strieħ issa mara qaddisa
F'dirgħajn l-isbaħ fost l-irġejjen,
Marija Ommna li bħalha
Ħajtek kienet ferħ ta' dejjem.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 ta' Mejju 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.